**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke**

# TMINN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 13/2021

**Il-Ħamis 28 ta' Ottubru, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fl-4:00 ta' wara nofsinhar. Kien hemm membri tal-Kunsill li kienu preżenti virtwalment.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku *(online)*
Charles Cesare – Kunsillier *(online)*
Raymond Lanzon – Kunsillier*(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Ryan Muscat – Accountant tal-Kunsill *(online)*

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 13.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

13.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat kienet infurmat lill-Kunsill li talbet li tiġi skużata.

13.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/K8/2021.

13.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K8/2021 kif ippreżentati.

13.2.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.2.4 Is-Sindku Dean Hili ippropona li tiġi sospiża l-aġenda biex item 8 jiġi diskuss qabel item 3.

13.2.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.2.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 13.8 Rapport Finanzjarju 3 Kwart (Jannar sa Settembru 2021).

13.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għar-Rapport Finanzjarju 3 Kwart li kif iċċirkolat li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2021, kif ippreparat mill-accountant tal-Kunsill Ryan Muscat, fejn talab il-kummenti tas-sur Muscat. **(Dok. 1)**

13.8.2 Ryan Muscat irrimarka li l-ispejjeż huma abbażi tal-estimi tal-Kunsill u l-unika differenza hija żieda fid-dħul minħabba li kien hemm claim tal-assikurazzjoni.

13.8.3 Is-Sindku Dean Hili ippropona li Rapport Finanzjarju 3 Kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Settembru 2021, jiġi approvat kif ippreżentat.

13.8.4 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.8.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

**13.8.6** ***Is-Sur Ryan Muscat ħalla l-kamra fl-16:15.***

### 13.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4657/21/I** Ilment mingħand resident li qed jirrimarka li wara li sar xogħol ta' bdil ta' bankini fi Triq Patri A. Tonna Barthet, sar xi intervent fuq il-gutter tal-ilma, bil-konsegwenza l'issa qed joqgħod l-ilma quddiem id-dar tiegħu.

13.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4657/21/I** fejn ippropona li l-intervent li sar fuq il-gutter għandu jiġi irranġat mill-Kunsill għas-spejjeż tar-residenti konċernata, u għalhekk għandha tinkiteb ittra legali permezz tal-avukat tal-Kunsill fuq dan ix-xogħol, ikun hemm intimazzjoni marbuta maż-żmien u jekk ma jsirx ix-xogħol mill-inkwilini relatata, jiskatta l-proċess li jsir ix-xogħol mill-Kunsill għas-spejjeż tar-residenti konċernata.

13.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4690/21/I** Skema mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalita' tal-Ħajja dwar Ghotjiet Fil-Kommunita' 2021/ Community Grants Scheme 2021

13.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4690/21/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

13.3.5 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li ma kienx ra din il-korrispondenza u s-Sindku Dean Hili irrimarka li din kienet ser terġa' tiġi ċċirkolata.

**46/5007/21/I** Talba li saret lis-Sindku biex isir Dog bin fil-parkeġġ ta' Triq il-Battalja ta' Malta.

13.3.6 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5007/21/I** fejn ippropona li jsir dan id-dog bin, ieħor fi Triq Suffolk biswit il-bus stop temporanju u litter bin fil-bidu tal-passaġġ li hemm li jagħti mill-Pembroke P&R għal Triq Sant Andrija.

13.3.7 Il-Kunsillier Charles Cesare irrimarka li hemm bżonn ukoll liners għal xi bins li hemm fi Ġnien Clifford Micallef.

13.3.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda u qal li ser jara x'hemm bżonn għall-bins oħra li hawn fil-lokal.

13.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5067/21/I** Fattura mingħand ir-Reġjun tramuntana għall-provvista ta' 12-il ktieb Colours of the North.

13.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5067/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirrifjuta li jaċċetta din il-fattura u għalhekk għandu jibgħat il-kotba lura minħabba li l-Kunsill ma jistax ibiegħ affarijiet li m'humiex tiegħu skond il-by-law li għandu, u ma jagħmilx sens li l-Kunsill joħroġ il-flus qabel jilħaq ibiegħ dawn il-kotba. Il-kelliem irrimarka li r-Reġjun qed jindika li d-dħul mill-bejgħ ta' dawn il-kotba ser imur għal-MCCF, liema donazzjoni safejn jaf il-Kunsill lanqas tista' issir skond kif kien ġie infurmat il-Kunsill fuq inizjattiva li prova jieħu l-Kunsill is-sena li għaddiet fi żmien il-Milied.

13.3.11 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5106/21/I** Ċirkulari mingħand l-AKL 2021/106 dwar il-President's Fun Run li ser tinżamm fil-21 ta' Novembru 2021.

13.3.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5106/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri. Wara diskussjoni, il-kelliem talab lill-membri biex ikun hemm input mill-membri ħalli kemm jista' ikun, ikun hemm konkorrenza. Il-kelliem irrimarka li hemm bżonn xi PA system u persuna li tanima din l-attività.

13.3.14 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li għal-mixja tal-President s'issa ma kien hemm kważi ebda rispons mill-membri eletti dwar kif ser tiġi organizzata l-loġistika tagħha, u dan meta kull ma fadal kien biss 3 ġimgħat.

**46/5194/21/I** Email mingħand id-DGL dwar SPI.SCI.8.2021 - Finanzjament ta' Proġetti Kapitali - Aċċessibilita' u Mobilita'.

13.3.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5194/21/I** fejn irrimarka li ser jara u jirrikorri lura jekk tkun t'interess għall-lokal.

**46/5212/21/I** Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv

**46/5222/21/I**

13.3.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5212/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jerġa jinnomina lill-Ms Alison Grixti biex f'każ li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jinforma lill-Kunsill li ma jkunx jista' jaġixxi, hija tkun tista' taġixxi fuq bażi temporanja minfloku, kif ukoll li din il-ħatra hija għall-perjodu indefinittiv.

13.3.17 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5246/21/I** Risposta mingħand il-President ta' Pembroke Athleta FC jikkonferma li l-klabb għadu bl-intenzjoni li bħala parti minn proġetti li għandu l-klabb, il-faċilitajiet tal-bandli li hemm fi Ġnien Pembroke, inkluż il-parkeġġ, ser jitneħħew u jkollhom jiġu rilokata x'imkien ieħor.

13.3.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5246/21/I** fejn ippropona li tintbagħat email lill-MTA, lill-Ministeru tat-Turiżmu u lis-Seg. Parlamentari responsabbli mill-Isports biex jiġi iċċarat dak li qed jiġi allegat u propost mill-Pembroke Athleta FC vis-a-vis il-faċilitajiet ta' bandli u l-parkeġġ li jagħmlu parti minn Ġnien Pembroke, huwiex konformi mal-ftehim li kellu l-klabb mal-ex Ministru F Zammit Dimech tramite l-MTA.

13.3.20 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5253/21/I** Email mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar skema għal-tiżjin ta' żmien il-Milied b'fond ta' €2,000 u skema għal-nar tal-ajru fi tmiem is-sena b'fond ta' bejn €1,000 u €600

13.3.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5253/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa f'din l-attività.

13.3.23 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

13.3.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-talba li saritlu minn ġenituri u għalliema ta' St Catherine High School fi Triq Suffolk fejn ippropona l'issir zebra crossing inkluż belishia lights fejn preżentement hemm ir-road hump quddiem l-istess skola

13.3.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.28 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li fil-jiem li ġejja ser jibda x-xogħol ta' resurfacing ta' parti minn Triq ANZAC u ta' Triq Falaise.

13.3.29 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għamel referenza għal-Kap 363 Artiklu 70 (1) li jgħid li *"Il-Kunsilli Lokali għandhom isejħu żewġ laqgħat annwali tal-lokalità – (a) laqgħa annwali li għandha tinżamm sa mhux aktar tard mill-ħmistax (15) ta' Diċembru ta' kull sena sabiex jippreżentaw l-estimi finanzjarji qabel il-laqgħa tal-Kunsill li fiha l-Kunsill ikun ser jikkunsidra l-estimi għas-sena finanzjarja li tkun ġejja"*, fejn staqsa lill-membri tal-Kunsill meta ser issir din il-laqgħa kif ukoll talba lill-membri biex kemm jista' ikun malajr iressqu l-proposti tagħhom għas-sena finanzjarja 2022 kif ukoll għall-pjan ta' ħidma 2022 – 2026.

13.3.30 Is-Sindku Dean Hili ippropona li din il-laqgħa għanda issir nhar it-Tlieta 7 ta' Diċembru fil-17:00 fis-sala tal-Kunsill.

13.3.31 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.33 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg staqsa lill-membri tal-Kunsill dwar jekk għandhomx xi proposti t'attivitajiet għal żmien il-milied.

13.3.34 Il-Kunsillier Raymond Lanzon ippropona li jiġu organizzata l-attivitajiet li saru fis-snin li għaddew fi żmien il-Milied possibbilment tal-Father Christmas issir nhar it-22 u l-quddiesa għall-anzjani fil-21 ta' Diċembru 2021.

13.3.35 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.3.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

13.3.37 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-iskema tal-LESA fejn ippropona li l-Kunsill japplika abbażi tal-BOQ ippreparat minn-Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

13.3.38 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.3.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

13.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, Is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 13.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

13.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 12/2021** – Rapport relatat ma' PLC/EoI/01/2021 - Junior Science Club Animators **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 13/2021** – Rapport tal-laqgħa mal-Perit tal-Kunsill **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 14/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 12/K8/21 u 13/K8/21 **(Dok. 4)**
- **Internal Memo 15/2021** – Rapport tal-laqgħa mal-Community Police **(Dok. 5)**
- Kopja ta' flyer konness mal-Mixja tal-President 2021 b'risq il-MCCF **(Dok. 6)**
- Kopja ta' flyer dwar laqgħa t'informazzjoni dwar is-servizzi offruti lill-anzjani fil-komunità u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali li għadhom jgħixu fil-lokalita' **(Dok. 7)**

13.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 14/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

13.5.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.6 2021/01 - EoI - Junior Science Club Animators.

13.6.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-Internal Memo 12/2021 kif ukoll għall-kommunikat li kien hemm mal-membri kollha fejn ippropona li l-Kunsill japprova r-rakkomandazzjoni tal-Bord u tiġi approvata l'unika kandidata li kien hemm fid-dawl li kisbet biżżejjed punti biex għaddiet mill-intervista.

13.6.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.7 Estensjoni tas-Servizz tal-Librara.

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntratt tal-librara kien jiskadi fl-aħħar tas-sena 2022.

13.7.2 Is-Sindku Dean Hili ippropona li dan għandu jiġi mġedded.

13.7.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

13.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

13.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 8, 9, 10, 11, 12, 13 u 14)**

13.9.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat, eskluż ukoll żewġ kontijiet tal- MED Dev. Des. and Cons. Ltd referenza 5875/20 li huma wieħed li jikkonċerna l-livelli tal-ġnien peress li dawn iridu jiġu ikkorreġuta mill-perit stess, u ieħor relatat mal-BOQ peress li jidher li hemm żball u għandu jiġi rivedut.

13.9.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

13.9.4 Il-Kunsill qabel unanimament

## 13.10 Mozzjonijiet.

13.10.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 13.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

13.11.1 Is-Sindku Dean Hili għalaq il-laqgħa fil-5:30pm wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar il-Ħamis 25 ta' Novembru 2021 fl-4:00pm.

**Konfermati, illum 25 ta' Novembru, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

Dok. 1

# Pembroke Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

1st January till End of September 2021 (Quarter 3)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

## *Overview and Summary*

The normal recurrent expenditure related to the services the Council is obliged to render in line with Section 33 of the Local Councils Act, on a number of initiatives were carried out.
All expenditure is within the Budget Estimates for said period.

**Signed**

Dr. Dean Hili
Mayor

**Signed**

Kevin Borg
Executive Secretary

# Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of September 2021 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2021 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2021 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 384,844 | 511,515 | - | 511,515 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 8,553 | 3,000 | - | 3,000 |
| Income raised from LES (3) | 3,189 | 2,500 | - | 2,500 |
| Investment Income (4) | - | - | - | - |
| Other Income (5) | 19,923 | - | - | - |
| **TOTAL** | **416,508** | **517,015** | **-** | **517,015** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 73,323 | 108,846 | - | 108,846 |
| Operations and Maintenance (7) | 247,543 | 334,822 | - | 334,822 |
| Administration (8) | 26,550 | 33,347 | - | 33,347 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 25,091 | 40,001 | - | 40,001 |
| **TOTAL** | **372,505** | **517,016** | **-** | **517,016** |
| **Surplus / Deficit** | **44,003** | **(1)** | **-** | **(1)** |

## Statement of Financial Position as at end of September 2021 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2021 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2021 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 142,897 | 218,333 | | 218,333 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 1,562 | 1,500 | - | 1,500 |
| Receivables (12) | 27,691 | 4,000 | - | 4,000 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 739,372 | 418,913 | - | 418,913 |
| **Total Current Assets** | **768,625** | **424,413** | **-** | **424,413** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 172,711 | 53,000 | - | 53,000 |
| **Total Current Liabilities** | **172,711** | **53,000** | **-** | **53,000** |
| **Net Current Assets** | 595,914 | 371,413 | - | 371,413 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **738,811** | **589,746** | **-** | **589,746** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **738,811** | **639,735** | **-** | **639,735** |

## Financial Situation Indicator

**DESCRIPTION**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Current Assets | 768,625 | 424,413 | - | 424,413 |
| Current Liabilities | 172,711 | 53,000 | - | 53,000 |
| **Working Capital** | 595,914 | 371,413 | - | 371,413 |
| Government Allocation | 511,515 | 511,515 | - | 511,515 |
| **FSI** | **116 %** | **73 %** | | **73 %** |

## Cash flow Statement

| DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2021 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2021 |
|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € |
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | 44,003 | (1) | - | (1) |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 25,091 | 40,001 | - | 40,001 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | | | | - |
| Interest receivable | - | 100 | | 100 |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| Adj for Scrap | | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | 119,190 | (11,025) | | (11,025) |
| Increase / (Decrease) in accruals | 17,351 | 10,925 | | 10,925 |
| Decrease / (Increase) in receivables | 71,743 | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | - | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **277,377** | **40,000** | **-** | **40,000** |
| Interest paid | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **277,377** | **40,000** | **-** | **40,000** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (3,092) | (250,000) | | (250,000) |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | | 200,000 | | 200,000 |
| Interest received | - | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **(3,092)** | **(50,000)** | **-** | **(50,000)** |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | **274,285** | **(10,000)** | **-** | **(10,000)** |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 465,087 | 428,913 | | 428,913 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **739,372** | **418,913** | **-** | **418,913** |

## Detailed Income

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2021 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2021 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € |
| | | **Income** | | | | |
| **1** | | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| | 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 363,904 | 483,872 | | 483,872 |
| | 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | - | - | | - |
| | 0005-0019 | Other income | 20,940 | 27,643 | | 27,643 |
| | | | **384,844** | **511,515** | **-** | **511,515** |
| **2** | | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| | 0021-0025 | Community Services | | - | | - |
| | 0026-0035 | Income from Permits | 8,553 | 3,000 | | 3,000 |
| | | | **8,553** | **3,000** | **-** | **3,000** |
| **3** | | **Local Enforcement Income** | | | | |
| | 0037 | Commission from Regional Committees | 3,189 | 2,500 | | 2,500 |
| | 0038-0055 | Contraventions | | | | - |
| | | | **3,189** | **2,500** | **-** | **2,500** |
| **4** | | **Investment Income** | | | | |
| | 0091-0095 | Bank interest | | - | | - |
| | 0096-0099 | Income received from Govermnet Securities | | - | | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** |
| **5** | 0056-0065 | Sponsorships | 211 | - | | - |
| | 0066-0069 | Documents & Information | | - | | - |
| | 0070-0075 | EU funds | | - | | - |
| | 0076-0080 | Twinning | | - | | - |
| | 0081-0089 | Insurance Claims | | - | | - |
| | 0100-0109 | Donations | | - | | - |
| | 0110-0119 | Contributions | 2,722 | - | | - |
| | 0120-0129 | General Income | 16,990 | - | | - |
| | | | **19,923** | **-** | **-** | **-** |
| | | **Total** | **416,508** | **517,015** | **-** | **517,015** |

## Detailed Expenditure

| | DESCRIPTION | Actual for the Period | Annual Budget 2021 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2021 |
|---|---|---|---|---|---|
| | | € | € | € | € |
| **6 i)** | **Personal Emoluments** | | | | |
| 1100 | Mayor's Allowance | 7,929 | 10,571 | | 10,571 |
| 1200 | Employees' Salaries & Wages | 45,054 | 68,862 | | 68,862 |
| 1300 | Bonuses | 4,330 | 6,823 | | 6,823 |
| 1400 | Income Supplements | 600 | 800 | | 800 |
| 1500 | Social Security Contributions | 4,225 | 6,550 | | 6,550 |
| 1600 | Allowances | 9,750 | 13,000 | | 13,000 |
| 1700 | Overtime | 1,436 | 2,240 | | 2,240 |
| | | **73,323** | **108,846** | **-** | **108,846** |
| | **DESCRIPTION** | € | € | € | € |
| **7** | **Operations and Maintenance** | | | | |
| 2100-2149 | Public Utilities | 2,223 | 3,353 | | 3,353 |
| 2200-2259 | Public Materials & Supplies | - | 1,100 | | 1,100 |
| 2300-2399 | Repairs & upkeep | 85,432 | 99,440 | | 99,440 |
| 2400-2449 | Rent | 901 | 1,456 | | 1,456 |
| 3010 | Street Lightning | 11,337 | 8,000 | | 8,000 |
| 3020 | Lease of Equipment | | - | | - |
| 3030 | Insurance | 4,643 | 6,064 | | 6,064 |
| 3035 | Bank Charges | 188 | 220 | | 220 |
| 3038 | Penalties | | - | | - |
| 3041 | Refuse Collection | 33,464 | 51,901 | | 51,901 |
| 3042 | Bulky Refuse Collection | 9,487 | 14,400 | | 14,400 |
| 3043 | Bins on wheels | | - | | - |
| 3045 | Bring in sites | | 200 | | 200 |
| 3051 | Road & Street Cleaning | 28,294 | 39,000 | | 39,000 |
| 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 13,586 | 19,390 | | 19,390 |
| 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 3,679 | 4,515 | | 4,515 |
| 3055 | Cleaning of Council Premises | 1,824 | 2,700 | | 2,700 |
| 3040 | Waste Disposal | 11,780 | 18,000 | | 18,000 |
| 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 12,827 | 16,860 | | 16,860 |
| 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 14,941 | 21,749 | | 21,749 |
| 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | - | | - |
| 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | - | | - |
| 6064 | Other Contractual Services | 7,506 | 9,889 | | 9,889 |
| 3070-3090 | Consultation Fees | | 2,000 | | 2,000 |
| 3100-3139 | Contract & Project Management | | - | | - |
| 3300-3379 | Hospitality | 5,430 | 14,465 | | 14,465 |
| 3380-3389 | Community | | 120 | | 120 |
| 3390-3394 | Donations | | | | - |
| 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | | | | - |
| 3700-3799 | EU Projects | | | | - |
| 3800-3899 | Twinning | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **247,543** | **334,822** | **-** | **334,822** |
| **8** | **Administration** | | | | |
| 2150-2199 | Office Utilities | 1,975 | 3,645 | | 3,645 |
| 2260-2299 | Office Materials & Supplies | 267 | 100 | | 100 |
| 2450-2499 | Office Rent | | - | | - |
| 2500-2599 | National & International Memberships | | 1,100 | | 1,100 |
| 2600-2699 | Office Services | 2,689 | 2,995 | | 2,995 |
| 2700-2799 | Transport | 1,118 | 2,250 | | 2,250 |
| 2800-2899 | Travel | | - | | - |
| 2900-2999 | Information Services | 1,433 | 2,650 | | 2,650 |
| 3050 | Office Cleaning | 116 | - | | - |
| 3410-3199 | Professional Services | 18,952 | 19,057 | | 19,057 |
| 3200-3299 | Training | | 500 | | 500 |
| 3345 | Office Hospitality | | 800 | | 800 |
| 3400-3499 | Incidental Expenses | | 250 | | 250 |
| | | | | | - |
| | | **26,550** | **33,347** | **-** | **33,347** |
| **9** | **Finance Costs** | | | | |
| 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **-** | **-** | **-** | **-** |

## Detailed Statment of Financial Position

| | | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2021 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2021 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **10** | | **Other Expenditure** | | | | |
| | 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of asset | | | | - |
| | 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - |
| | 8000-8099 | Depreciation As at end of September 2021 | 25,091 | 40,001 | | 40,001 |
| | | Adj for Scrappage | | | | - |
| | Depreciation | | **25,091** | **40,001** | **-** | **40,001** |
| | | **Total** | **372,505** | **517,016** | **-** | **517,016** |
| **11** | | **Inventories** | | | | |
| | 5201-5249 | Stationery | | - | | - |
| | 5250-5299 | Consumables | 1,562 | 1,500 | | 1,500 |
| | | | | - | | - |
| | | | **1,562** | **1,500** | **-** | **1,500** |
| **12** | | **Receivables** | | | | |
| | 0201-0209 | Receivables | 25,491 | 2,000 | | 2,000 |
| | 0210-0219 | LES Receivables | | - | | - |
| | 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - |
| | 0250 | Prepayments & Accrued income | 2,200 | 2,000 | | 2,000 |
| | | | | | | - |
| | | | **27,691** | **4,000** | **-** | **4,000** |
| **13** | | **Cash & Equivalents** | | | | |
| | 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 739,372 | 418,913 | | 418,913 |
| | | | **739,372** | **418,913** | **-** | **418,913** |
| **14** | | **Payables** | | | | |
| | 4000 | Payables | 338 | 18,000 | | 18,000 |
| | 4100 | Accruals | 52,405 | 35,000 | | 35,000 |
| | 4150 | Deferred Income | 119,968 | | | - |
| | | Current portion of long term borrowings | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **172,711** | **53,000** | **-** | **53,000** |
| **15** | | **Non Current Liabilities** | | | | |
| | 4200 | Long Term Borrowing | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** |

**16 Total Commitments (Recurrent and Capital)**

| DESCRIPTION | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Recurrent and Capital** | | | |
| | - | - | - |
| **Long Term Loans** | | | |
| | - | - | - |
| **Others** | | | |
| | - | - | - |

## 17 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| **Asset**<br>% of depreciation | Furn & Fittings<br>8% | Office Equipment<br>20% | Urban Improvements<br>10% | Construction<br>10% | Trees<br>0% | Plant & Machinery<br>20% | Special Programmes<br>10% | New Street Signs<br>100% | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2021 | 24,745 | 39,884 | 863,164 | 621,223 | 17,307 | 4,225 | 653,660 | 11,787 | | 2,235,995 |
| Additions | - | 3,092 | | - | - | - | - | - | | 3,092 |
| Disposals | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2021 | **24,745** | **42,976** | **863,164** | **621,223** | **17,307** | **4,225** | **653,660** | **11,787** | **-** | **2,239,087** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2021 | | 7,351 | 351,684 | 51,423 | | | 653,660 | | | **1,064,118** |
| Additions | | | | | | | | | | **-** |
| As at end of September 2021 | **-** | **7,351** | **351,684** | **51,423** | **-** | **-** | **653,660** | **-** | **-** | **1,064,118** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2021 | 22,727 | 21,940 | 379,279 | 567,062 | | 4,186 | - | 11,787 | | **1,006,981** |
| Charge for the period | 1,430 | 557 | 21,027 | 2,039 | | 39 | - | - | | **25,091** |
| Released on disposal | | | | | | | | | | **-** |
| As at end of September 2021 | **24,157** | **22,497** | **400,306** | **569,101** | **-** | **4,225** | **-** | **11,787** | **-** | **1,032,072** |
| **NBV** As at end of September 20 | **589** | **13,129** | **111,174** | **700** | **17,307** | **-** | **(0)** | **-** | **-** | **142,897** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 12/2021** **11 ta' Ottubru 2021**

# PLC/EoI/01/2021 - Junior Science Club Animators

L-applikazzjonijiet għalqu nhar it-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021, u fil-ħin tal-għeluq kull ma kien hemm applikazzjoni waħda ta' Ms Martina Busuttil.

Kif approvat mill-Kunsill f'laqgħa 12/K8/2021 – 12.9.1, ġie maħtur Bord biex saret l-intervista lill-applikant li kien kompost mis-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg f'isem il-Kunsill Lokali u Ms Isabel Zerafa f'isem iċ-Ċentru tax-Xjenza.

L-intervista saret nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru 2021.

Ir-riżultat tal-intervista ikkonkluda li Ms Busuttil kisbet 54 punt minn massimu ta' 80, u għalhekk qabżet il-marka minima ta' 40 punt.

Fid-dawl ta' dan il-Bord qed jirrakkomanda lill-Kunsill li Ms Busuttil tintgħażel bħala l-Junior Science Club Animator.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 13/2021**

**21 ta' Ottubru 2021**

# Laqgħa mal-Perit tal-Kunsill

Il-laqgħa saret nhar il-Ħamis 21 ta' Ottubru 2021 fis-13:00 fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill inkluż fuq Zoom fejn il-membri tal-Kunsill ingħataw l-opportunita li jattendu online. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Dean Hili, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, u l-Kunsillier Raymond Lanzon. Waqt il-laqgħa saru interventi mis-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg biss.

Għal-kumpanija tal-Perit kienu preżenti il-Perit u MP Toni Bezzina u s-sur Clayton Damato.

Għall-kumpanija J&K Contractors Ltd. kienu preżenti s-sinjuri Ġorġ Spiteri u Jeremy Spiteri.

Is-Sindku Dean Hili beda l-laqgħa billi talab lill-Perit Toni Bezzina biex jagħti rendikont lill-Kunsill fiex waslu:

- L-upgarding ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta inkluż id-disinn, id-DNO, il-livelli, l-ispeċifikazzjonijiet għat-tenders, eċċ
- L-upgarding tal-ġnien fi Triq San Patrizju inkluż is-survey, pjanti u proposti
- L-upgrading tal-bankini fil-lokal – fejn qed neħlu
- Iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet tal-kuntrattur tal-Kunsill – fejn qed neħlu
- L-upgarding tas-soft area fi Triq G. Henin

## 1. L-upgarding ta' Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta inkluż id-disinn, id-DNO, il-livelli, l-ispeċifikazzjonijiet għat-tenders, eċċ

Il-Perit Bezzina informa lill-Kunsill li d-DNO tal-PA kien ġie approvat u issa qed jistennew il-clearance mil-Awtorita' tal-Artijiet.

Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-ispeċifikazzjonijiet li rċieva l-Kunsill mingħand il-Perit ma jinkludu ebda dettalji bażiċi fosthom il-ħxuna tal-ħadid u l-materjal tal-bandli, li l-

PEMBROKE

materjal irid ikun powder coated u baked, m'hemm ebda dettalji tal-molla tal-gradi, ebda indikazzjoni tal-kuluri li ser jintużaw fir-railing, fis-safety material u fl-istrutturi.

Clayton informa lill-Kunsill li kien ser jivverifika fuq l-ispecs biex jiġu riveduta inkluż il-ħxuna tal-ħadid, il-kuluri tal-materjal tas-safety material inkluż ukoll dwar materjal tal-play equipment.

Il-Perit Bezzina irrimarka li hemm bżonn jiġu riveduta l-livelli li kien ippropona minħabba ta' kif qed jiġi proposta quddiem il-latrina.

Is-Sindku Dean Hili għamel referenza ukoll għall-BOQ peress li hemm kontinġenza ta' 20%, liema kontinġenza jidher li hija għolja wisq, apparti li l-Kunsill ma jaħsibx li għandu jħallas kont ta' perizja li tinkludi l-istima tad-dawl u l'istess kontinġenza.

Clayton qal li mhux suppost li sar hekk u kien ser jivverifika.

## 2. L-upgrading tal-ġnien fi Triq San Patrizju inkluż is-survey, pjanti u proposti

Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill għadu qed jistenna l-proposti mingħand il-Perit, liema proposta għandha tinkludi li jsir pavimentar ġdid, outdoor furniture inkluż bankijiet b'xi shading, u low level lighting.

Il-Perit Bezzina informa lill-Kunsill li biex isir ix-xogħol hemm bżonn full permit application, u approvazzjoni mingħand l-Awtorità tal-Artijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li s-sit huwa devolut lill-Kunsill.

Is-Sindku Dean Hili ħeġġeġ lill-Perit biex kemm jista' jkun il-Kunsill l-applikazzjoni issir qabel tmiem is-sena.

## 3. L-upgrading tal-bankini fil-lokal – fejn qed neħlu?

Il-Perit Bezzina qal li l-problema tal-bankina huma f'Malta kollha, u dan minħabba li l-bankina suppost huma għan-nies u mhux biex jiġu akkomodata l-vetturi, speċjalment quddiem garaxxijiet. Dan peress li skond il-binjiet lokali, m'hemmx biżżejjed spazju biex isiru dropkerbs. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-bankini suppost huwa aktar wiesa minn kemm huma.

Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill ma jistax iwessa aktar il-bankini għax inkella t-toroq jispiċċaw kollha One Way apparti li biex isir dak li qed jgħid il-Perit, ebda resident ma jkun jista' jdaħħal il-vettura fil-garaxx, xi ħaġa li mhux aċċettabbli, u għalhekk għandha tinstab soluzzjoni biex jitneħħa kull periklu li hemm bħalissa, ikunu kemm jista' ikun aċċessibbli għall-kulħadd speċjalment għall-persuni b'abbiltajiet differenti u li l-aċċess għall-garaxxijiet ma jintilifx.

Clayton qal li hemm problema bl-gholi tal-bankini minhabba ranep li hemm fit-triq u ghalhekk ser ikun problema t'aċċessibilita'. Il-kelliem irrimarka li hemm postijiet fejn residneti abbużaw u għandhom ir-rampa tal-garxx li tinkludi ukoll il-bankina.

Is-Sindku Dean Hili irrimarka li fejn hemm individwi, dawn għandhom jiġu identifikata, imma żgur li fil-maġġoranza hemm lok ta' soluzzjoni, jekk dejjem hemm rieda li jsir ix-xogħol, u għalhekk ħeġġeġ lill-Perit biex jikkomunika mal-kuntrattur tal-Kunsill ħalli naraw kif ser nimxu l'quddiem.

### 4. Iċ-ċertifikazzjoni tal-kontijiet tal-kuntrattur tal-Kunsill – fejn qed neħlu?

Il-Perit Bezzina irrimarka li fil-bankina li saret l-aħħar, fik ta' Triq Manuel Buhagiar, hemm ħafna qsim u għalhekk il-wiċċ mhux aċċettabi u hemm partijiet fejn irid jinqala l-wiċċ.

Is-Sindku Dean Hili irrakkomanda li jiltaqgħu l-Perit u l-kuntrattur fuq il-post u tinstab soluzzjoni.

Is-sur George Spiteri irrimarka li jista' jkun problema tal-materjal mill-fornitur tal-konkos.

### 5. L-upgarding tas-soft area fi Triq G. Henin (PA 02474/21)

Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill kien applika fil-11/12/2020 biex isir ***Sanctioning of additional soil on site***. (Dok 1e fuq l-eapps). Jidher iżda li fis-07/10/2021 kien hemm tibdil fl-applikazzjoni u issa qed tgħid - ***Sanctioning of additional soil on site and proposed footpath & retaining wall***. (Dok 73a fuq l-eapps). Fid-dawl ta' dan il-kelliem staqsa kif sar dan it-tibdil meta l-Kunsill mhux ser ikun huwa li ser jagħmel il-bankina?

Il-Perit Bezzina irrimarka li ser jivverifika mal-PA minħabba li kien hemm bżonn tibdil fil-pjanti skond talba tal-PA stess.

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 14/2021**

**28 ta' Ottubru 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 12/K8/21 u 13/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 119 | 2021 | Mica Med | Jiġu irranġata lampi min-numru R022 sa R032 imma R023 mhux inkluża fi Ġnien Clifford Micallef fi Triq ANZAC /Triq FXCaruana, u issir is-supply tad-dawl fil-ġiebja li hemm fil-Ġnien 4 ta' Lulju. |
| 120 | 2021 | J&K Contractors | • 1. Jiġi irranġata il-ħajt li qed jaqgħa fi Triq Giorgio Mitrovich, wara l-knisja, u<br>• 2. Jiġi irranġat il-ħajt li twaqqa fi Triq Normandy, ftit l-isfel mill-Kunsill. |
| 121 | 2021 | Mica Med | Tiġi irranġata lampa R006 li tinsab quddiem blokk A4 fi Triq Pietru D'Armenia |
| 122 | 2021 | Maltapost plc | Tqassam bieb bieb flyer tal-Kunsill Lokali Pembroke għall-prezz ta' €99 (Laqgħa għall-Azjani) |
| 123 | 2021 | Mica Med | Photocell ta blokk A5 sa A11 fi Triq Pietru D'Armenia |
| 124 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa maqtugħa fi triq Pietro Rossell kif taqbad it-taraġ ta' ma' blokk 11B |
| 125 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa maqtugħa Y159 fi Triq Giaocchino Le Brun faċċata eżatt tar-Red Cross |
| 126 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa W096 tixgħel u titfi ma' faċċata ta' dar numru 12 fi Triq F.X Caruana |
| 127 | 2021 | Christian Debattista | Issir manutenzjoni fil-flushings u l-gyzer tal-Kunsill |
| 128 | 2021 | Mica Med | Tirranġa lampa Y160 li tinsab fi Trejqet Antonio Mallia quddiem il-kamra tad-dawl |
| 129 | 2021 | Emanuel Grech Co. Ltd | Tissupplixxi gyzer għall-Kunsill |
| 130 | 2021 | MIB Ltd. | Insurance policy Novembru 2021 sa Ottubru 2022 |
| 131 | 2021 | J&K Contractors | Issir trinka ħalli jitpoġġa fiħa cable tad-dawl |
| 132 | 2021 | Mica Med | Tinstalla cable tad-dawl għal siġra tal-Milied |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Sindku : Avv. Dean Hili Viċi Sindku : Omar Elaref Arab
Kunsilliera : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
Segretarju Eżekuttiv : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

**Internal Memo Referenza 15/2021**

**27 ta' Ottubru 2021**

# Laqgħa mal-Community Police

Il-laqgħa saret nhar it-Tlieta 26 ta' Ottubru 2021 fit-8:00am fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku Dean Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg.

Għall-Pulizija kienu preżenti s-Supt. Melvin Camilleri, l-Ispetturi Gabby Gatt u Mark Cremona, is-Surġent Denise Vella u s-sur Chris Bull.

## Halloween 2021

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Community Police ser ikunu qed jagħmlu patrol fil-lokal bl-għajnuna ta' timijiet oħra fejn ser jaqsmu l-lokal f'żoni biex ikun kopert kważi kullimkien. Ser ikun hemm ukoll assistenza mill-Għassa ta' San Ġiljan u minn sezzjonijiet oħra tal-Korp fejn ser isir patrol bir-riġel kif ukoll bil-vetturi.

Qabel Halloween ser issir kampanja t'informazzjoni kemm fuq il-midja soċjali kif ukoll mal-ħwienet il-kbar tal-merċa li hawn fl-akwata.

## IVY House

Il-Kunsill ġie infurmat li l-Pulizija ħarġu numru ta' taħrikiet lis-sid tal-propjetà minħabba li jidher li mhux qed joperaw skond il-permessi neċessarji.

## Abbużi mit-traffiku fi Triq Alamein u l-madwar

Il-Kunsill talab li jkun hemm aktar infurzar fl-akwata tal-iskejjel u ż-żona tar-residential parking. Dan fid-dawl li waqt il-ħinijiet tal-ħruġ tat-tfal tal-iskejjel, il-LESA m'għadhiex tkopri din iż-żona, u għalhekk l-abbużi żdiedu.

PEMBROKE

**Punti oħra**

Kien hemm qbil bejn dawk kollha preżenti li hemm bżonn t'aktar feedback għall-ilmenti li jkun qed iwassal il-Kunsill kif ukoll li l-Kunsill irid jifhem aħjar id-differenza fir-rwol tal-Pulizija u tal-Community Police

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità
Active Ageing & Community Care

Kunsill Lokali Pembroke

Dok 6

**Id-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità** flimkien mal-**Kunsill Lokali Pembroke** qed jorganizzaw sessjoni t'informazzjoni dwar is-servizzi offruti lill-anzjani fil-komunità u lill-persuni bi bżonnijiet speċjali li għadhom jgħixu fil-lokalita'.

**Il-laqgħa ser ssir fis-Sala tal-Kunsill**

**nhar il-Ġimgħa 5 ta' Novembru 2021 fl-10.00am.**

Waqt il-laqgħa sejrin jittieħdu l-miżuri kollha kontra l-**COVID-19**, jiġifieri tinżamm id-distanza soċjali, l-użu tal-maskri jew visors, u ser jintuża s-sanitizer. Ser tittieħed ukoll it-temperatura ta' kull min jattendi.

Dawk l-**anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali** li huma interessati li jattendu għal din il-laqgħa huma mitluba jċemplu lill-**Kunsill** fuq **2137 2111** jew lill-**Kunsillier Raymond Lanzon** fuq **7947 5400** sa mhux aktar tard **mill-Ġimgħa 29 ta' Ottubru** biex jirreġistraw.

Minħabba l-limitazzjonijiet tad-distanza soċjali, il-postijiet ser ikunu limitati. Wara l-laqgħa nieħdu flimkien ftit Te' jew Kafe' u Pastizzi.

# SERVIZZI GĦALL-ANZJANI

ANZJANITA' ATTIVA U KURA FIL-KOMUNITA'

# Kunsill Lokali Pembroke

Triq Alamein, Pembroke, PBK 1776.

Tel : 2137 2111 E Mail : pembroke.lc@gov.mt

Web page : www.pembroke.gov.mt

Facebook : www.facebook.com/Pembrokelocalcouncil


Dok 7

## Il-mixja tal-President 2021 b'risq il-MCCF

Il-Kunsill Lokali Pembroke ser ikun qed jipparteċipa f'din l-inizjattiva b'solidarjetà nazzjonali billi ser issir mixja madwar it-toroq ta' Pembroke.

Kulħadd huwa mistieden li jipparteċipa billi jagħmel kontribuzzjoni ta' €10.00 b'risq il-MCCF. Ħlas għandu jsir fl-uffiċċju tal-Kunsill u kulħadd huwa mitlub li jippreżenta kopja taċ-ċertifikat tal-vaċċin tal-COVID-19.

Kull parteċipant ser jingħata numru, flok tal-okkażżjoni u vawċer.

## President's 2021 fun run in aid of the MCCF

Pembroke Local Council will be participating in this initiative with a walk around the streets of Pembroke.

Everyone is invited to participate by making a € 10.00 contribution to the MCCF. Payment is to be made at the Council's office after presenting a copy of the COVID-19 vaccine certificate.

Participants will be given a number, a commemorative t-shirt and a voucher.



THE PRESIDENT'S SOLIDARITY
12TH EDITION

# fun run

# 21ST NOVEMBER 2021

## VISIT YOUR LOCAL COUNCIL TO REGISTER AND COLLECT YOUR T-SHIRT

BOOK ONLINE ON MCCF.STORE

enemed
SPORTMALTA
Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
THE MALTA COMMUNITY CHEST FUND FOUNDATION
BOV Bank of Valletta
MAPFRE MSV Life
airmalta
MOTORS
faces
GOOD CAUSES FUND
KPMG
Malta
POLIDANO
EUROSPORT
MOMPALAO
IRIS